

**KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI
GĦALL-UNJONI EWROPEA
– ALBANIJA –**

**Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)**

AD 46/26

LIMITE

CONF-ALB 8

DOKUMENT TA' ADEŻJONI

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA
- Kapitolu 25: Xjenza u riċerka

NEGOZJATI DWAR L-ADEŻJONI

Albanija

POŻIZZJONI KOMUNITAL-UE

(Bi tveġiba għal informazzjoni addizzjonali pprovduta mill-Albanija)

Ġabra 3: Kapitolu ta' Negozjar 25

Xjenza u riċerka

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Albanija dwar l-adeżjoni (AD 5/22 CONF-ALB 2), u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa mill-Albanija jew l-UE dwar kapitolu speċifiku tan-negozjati bl-ebda mod ma hija ser tippreġudika l-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħrajn;
- ftehimiet li jintlaħqu matul in-negozjati dwar kapitolu speċifiċi, anki dawk parzjali, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali qabel ma jkun intlaħaq ftehim ġenerali għall-kapitolu kollha;
- kif ukoll għar-rekwiżiti stipulati fil-punti 2, 3, 5, 10, 14, 16, 23, 26, 31, 38, 39, 45, 46, 47 u 48 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tteġġeg lill-Albanija biex tkompli bil-proċess ta' allinjament mal-acquis tal-UE u bl-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u b'mod ġenerali biex tiżviluppa diġà qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti li jkunu kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Albanija, fil-pożizzjonijiet tagħha AD 2/25 CONF-ALB 2 REV 1 u AD 42/26 CONF-ALB 4, taċċetta l-acquis tal-UE taħt il-Kapitolu 25, Ix-xjenza u r-riċerka, kif fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2026 u li ser tkun lesta timplimentah sad-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

L-UE tinnota li fil-qasam tal-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni, l-Albanija ħadet passi biex issaħħaħ l-isforzi ta' integrazzjoni tagħha fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER). L-UE tieġu nota wkoll tal-isforzi tal-Albanija biex issaħħaħ l-ekosistema tar-riċerka u l-innovazzjoni, billi taħdem lejn l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' akkumpanjament meħtieġa. L-UE tieġu nota pożittiva taż-żieda fl-investiment fir-riċerka u x-xjenza, inkluż il-finanzjament pubbliku u tħeġġeġ lill-Albanija tieġu passi ulterjuri biex tilħaq il-mira ta' 1 % tal-PDG sal-2030. L-UE tappella lill-Albanija biex tiżgura l-eżekuzzjoni baġitarja proprja tal-fondi allokati għar-riċerka.

Fid-dawl ta' dan, l-UE hija tal-fehma li l-Albanija ssodisfat ir-rekwiżiti tal-ewwel parametru referenzjarju għall-għeluq għal dan il-kapitolu, kif jinsab fil-Pożizzjoni Komuni tal-UE (AD 6/25 CONF-AL 6).

L-UE tħeġġeġ lill-Albanija tkompli r-riformi fis-sistemi nazzjonali tagħha tal-edukazzjoni għolja u r-riċerka f'konformità mal-oġettivi taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

L-UE tistieden ukoll lill-Albanija tintensifika l-isforzi tagħha biex tistabbilixxi l-istrutturi meħtieġa għat-tiżiħ tal-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat u tkompli tirrapporta statistika affidabbli f'dan il-qasam. L-UE tistieden ukoll lill-Albanija tkompli bl-implimentazzjoni tal-Istrateġiji ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti tagħha, u l-miżuri meħtieġa relatati.

L-UE tilqa' l-fatt li l-Albanija qed tkompli tagħmel progress tajjeb fil-**Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Orizzont Ewropa**. L-UE tinnota l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni li għandu jiġi kklassifikat bħala Innovatur Moderat fit-Tabella ta' Valutazzjoni Ewropea tal-Innovazzjoni u tenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni effettiva tiegħu. L-UE tilqa' wkoll l-isforzi fl-implimentazzjoni tal-acquis tal-Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka.

Fid-dawl ta' dan, l-UE hija tal-fehma li l-Albanija ssodisfat ir-rekwiżiti tat-tieni parametru referenzjarju għall-għeluq għal dan il-kapitolu, kif jinsab fil-Pożizzjoni Komuni tal-UE (AD 6/25 CONF-AL 6).

L-UE tieħu nota tal-isforzi sa issa biex tiġi implimentata b'mod effettiv il-Liġi dwar ir-Riċerka Xjentifika u l-Istrateġija Nazzjonali dwar ir-Riċerka Xjentifika u tilqa' l-adozzjoni ta' atti delegati tal-liġi.

Fid-dawl ta' dan, l-UE hija tal-fehma li l-Albanija ssodisfat ir-rekwiżiti tat-tielet parametru referenzjarju għall-għeluq għal dan il-kapitolu, kif jinsab fil-Pożizzjoni Komuni tal-UE (AD 6/25 CONF-AL 6).

L-UE tinnota li l-Albanija għandha qafas fis-seħħ biex **tiġġieled kontra l-korruzzjoni fil-qasam tar-riċerka u x-xjenza**. L-UE tinkoraġġixxi lill-Albanija biex tkompli ssaħħa il-monitoraġġ u r-rappurtar attivi biex tiżgura l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ effettivi tal-istrateġija kontra l-korruzzjoni, l-għodod tagħha u l-pjan ta' azzjoni tagħha b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni.

* * *

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-UE tinnota li, f'dan l-istadju, dan il-kapitolu ma jeħtieġx aktar negozjati.

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u fl-implimentazzjoni tiegħu ser ikompli matul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemija hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva u l-allinjament legali sħiħ tal-Albanija, kif ukoll l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tal-acquis f'dan il-kapitolu. Jeħtieġ li jitqiesu b'mod partikolari r-rabtiet bejn dan il-kapitolu u kapitoli oħra ta' negozjar. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġislazzjoni tal-Albanija mal-acquis tal-UE u tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tagħha tista' ssir biss fi stadju aktar tardiv tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' teħtieġ għan-negozjati f'dan il-kapitolu, u li għandha tingħata lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Albanija tagħti regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub lill-Kunsill ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis u fit-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, l-UE ser terġa' lura għal dan il-kapitolu f'mument xieraq, jekk ikun meħtieġ.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis ġdid bejn l-1 ta' Mejju 2026 u l-konklużjoni tan-negozjati.

